MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 521/2012

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Paul Cutajar K.I. 273475(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u hamsin Ewro u tmien centezmi (€650.08) – rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi tal-internet u televizjoni, kont numru *A/C 40160081*, moghtija mis-socjeta` attrici lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-

avviz tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' sitt mija u hamsin Ewro u tmien centezmi (€650.08), bl-imghax legali dekorribbli mill-24 ta' Lulju 2012, li hija d-data tal-prezentata tal-avviz, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------